MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1273/1994/1

**Marie Therese sive Marthese Busuttil u Josephine mart Arthur Spencer**

**Vs**

**Luigi u Anne mizzewgin Vella u b’digriet tal-20 ta’ Mejju 1996 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta’ Francis Vella, Jessie mart Carmel Bugeja, Aloysia sive Louise mart Godfrey Grima u Marthese mart Dr. Dennis Gatt minflok Luigi Vell li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond “Ciavering” Mdina Road, Attard u l-konvenuti proprjetarji tal-fond adjacenti “Vella House” fl-istess Mdina Road, Attard;

Illi fis-26 ta’ Mejju 1993 fil-fond tal-atturi u cioe’ “Clavering” dahal hafna ilma a kawza diretta ta’ xquq u difetti fis-sistema tal-kanen tal-ilma tal-fond “Vella House” tal-konvenuti;

Illi dan ilma li dahal fil-fond tal-atturi kkawza danni sostanzjali kemm fil-mobbii kif ukoll fl-immobbli;

Illi l-konvenuti ghaikemm interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni permezz ta’ ittra bonarja tal-10 ta’ Mejju 1994, ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 1994 u anke wara l-hrug ta’ mandat ta’ Sekwestru fl-20 ta’ Settembru 1994, baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:-

(1) tiddikjarhom unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li garrbu l-atturi fil-mobbli u immobbli tal-fond taghhom “Clavering” Mdina Road, Attard nhar is-26 ta’ Mejju 1993 minhabba ilmijiet li ipperkolaw f’dan il-fond mis-sistema difettuza tal-kanen tal-fond adjacenti “Vella House” fl-istess triq proprjeta tal-atturi;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

(3) tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata in linea ta’ danni, ghar-ragunijet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta’ Mejju 1994, tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 1994 u tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi tal-20 ta’ Settembru kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fond tal-atturi huwa fl-livell ghola minn dak tal-konvenuti u ghalhekk l-ilma ma setax telgha minn ghand il-konvenuti ghal ghand l-atturi, anzi huwa probabbli illi l-ilma li kien hemm fil-fond tal-konvenuti nizel minghand l-atturi;

Fi kwalunkwe kaz, anki jekk saru d-danni allegati, l-atturi l-ewwel darba illi l-atturi kkomunikaw mal-konvenut mid-data tal-incident allegat, li sar fis-26 ta’ Mejju 1993, kien wara l-iskadenza ta’ sitt xhur u dana verbalment u mbaghad ghaddew sitt xhur ohra qabel ma waslet l-ittra bonarja indikata fic-citazzjoni. Dana zgur mhuwiex attegjament solitu fil-kas tac-cirkostanzi allegati mill-attur;

Id-danni allegati mill-atturi ma gew b’ebda mod konstatati mill-konvenuti u l-atturi ma producew l-ebda prova soddisfacenti tal-ezistenza tal-istess danni. Fi kwalunkwe kaz, anki jekk l-istess danni saru, kien hemm element enormi kontributorju da parti tal-atturi stanti illi jirrizulta mill-istess citazzjoni illi l-attui hallew tul ta’ zmien irragonevoli jiskadi qabel ma hadu xi tip ta’ azzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konferata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-attrici u tax-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Frar 1997 li bih l-AIC Frederick Doublet gie nominat bhala perit tekniku bil-fakotajiet kollha soiti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku presentat u debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2004 u rat ukoll l-verbali tal-accessi u tas-seduti mizmuma mill-istess perit tekniku;

Semghet lill-perit tekniku in eskussjoni msejjah mill-konvenuti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi huma proprjetarji tal-fond “Ciavering” Mdina Road, Attard mentri l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond adjacenti “Vella House”, ovvjament, Mdina Road, Attard;

L-atturi qed jallegaw li fis-26 ta’ Mejju 1993, fl-imsemmi fond taghhom, dahal hafna ilma bhala konsegwenza ta’ xquq u difetti fis-sistema tal-kanen tal-ilma fl-imsemmi fond kontigwu tal-konvenuti u dan ikkawza danni sostanzjali kemm fil-mobbi kif ukoll fl-imsemmi immobbli tal-atturi. Konsegwentement l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-imsemmija hsarat u danni u li jigu likwidati l-istess danni. Fl-ahhar nett qed jitolbu li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma hekk liwidata in linea ta’ danni;

Da parti tal-konvenuti dawn qed jeccepixxu li l-fond tal-atturi huwa fl-livell ghola minn dak tal-konvenuti u ghalhekk hu impossibli li l-ilma telgha ghal ghand l-atturi. Il-konvenuti damu ma lmentaw dwar dawn il-fatti u in effett l-ilment sar l-ewwel verbalment u sussegwentement sar bil-miktub pero xi sena wara li sehh l-allegat incident. Ma hemm l’ebda prova sufficjenti fi-sens li l-istess hsarat u danni effettivament graw. Jekk kien hemm xi danni, l-atturi kkontribwew b’mod sostanzjali, peress li l-istess atturi hallew li jghaddi tul ta’ zmien irragonevoli qabel ma bdew xi tip ta’ proceduri. Fid-dkjarazzjoni taghhom il-konvenuti jikkonfermaw li huma qatt ma raw il-hsara kif allegata mill-atturi;

F’dawn il-proceduri gie nominat l-AIC Frederick Doublet bhala perit tekniku bil-fakoltajiet kollha soliti. Fir-rapport

tieghu l-perit tekniku jirrileva, b'mod partikolari, b'referenza ghal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li l-kanna l-qadima fil-garaxx tal-konvenuti kienet mal-fil tal-qatran tal-fond tal-atturi u ghalhekk jista jkun li l-art tal-fond tal-konvenuti tinsab iktar l-isfel minn dik tal-atturi. Dan il-fatt pero' ma jincidix fuq il-fatti in ezami peress li l-ilma setgha jghaddi ghal ghand l-atturi mill-fil tal-qatran tal-istess atturi. Il-perit tekniku inoltre kkonstata ukoll li minhabba il-pressa, l-ilma seta facilment jghaddi mill-istess fil ta qatran u konsegwentement jinfetah u jcarcar ghan-naha tal-atturi. Jirrizulta ukoll li l-imsemmi fil tal-qatran fil-garaxx tal-konvenuti kien miftuh minn pulzier sa pulzier u nofs u dana 'l fuq mill-art tal-istess garaxx. Difatti ma jidhirx li kien hemm hafna ilma ghand il-konvenuti. Filwaqt li ghand il-atturi dahal iktar ilma u, f'dan ir-rigward, hemm xhieda li kkonfermaw li kien hemm tlett pulzieri ilma ghand l-istess atturi. Il-perit tekniku, pero', irrimarka li ma kienux jidhru marki tal-ilma mal-hitan tal-atturi li setghu jindikaw kemm fil-fatt kien gholi l-ilma;

Il-perit tekniku kompla jirrileva li jidher li kien hemm ilma bizzejjed sabiex issir hsara fit-tapiti. Mhux car kemm kien hemm tapiti involuti. Li hu zgur hu li l-atturi hallsu Lm11.05 sabiex gew "drycleaned" zewg tapiti, pero' ma jirrizultawx ebda dettalji ohra dwar dawn iz-zewg tapiti. Dwar it-tapit li l-attrici ssejjah bhala "il-kbir" saret valutazzjoni ghal skopijiet ta' assikurazzjoni fis-somma ta' Lm655. In effett l-atturi jipptretendu minghand il-konvenuti l-imsemmija somma. Dan it-tapit ma giex esaminat mill-perit tekniku u dan peress li fl-ebda hin l-atturi ma ppresentawh lill-istess perit tekniku. Skond l-attrici dan it-tapit kien kbir u antik u kien ilu zmien twil fil-familja. Skond il-perit tekniku mill-provi prodotti u tenut kont ta' dak li qalu x-xhieda u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz gie pruvat li l-atturi sofrew hsara f'dan it-tapit. Kif gia rilevat l-atturi ppresentaw ricevuta ghal "drycleaning" ta' tapiti u dan ghal-ammont ta' Lm11.05 liema somma, skond il-perit tekniku trid tigi mhallsa mill-konvenuti lill-atturi;

It-tapit l-antik gratlu hsara fil-kuluri li rhew. Inghatat valutazzjoni ta' dan it-tapit fis-somma ta' Lm665. Xhieda qalu li l-valur ta' tapit bhal dan jista japprezza maz-zmien.

Tali valutazzjoni pero' tvarjia ghaliex hemm diversi konsiderazzjonijiet li jaffettwaw il-valur relattiv. Skond kalkoli li ghamel il-perit tekniku l-valur ta' tali tapit ghandu jigi kalkolata fis-somma ta' circa Lm409.38. Ghalhekk il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi l-ammont ta' Lm409.38 oltre l-imsemmija somma ta' Lm11.05 u ghalhekk b'kollox Lm420.43;

Il-perit tekniku llikwida ukoll is-somma ta' Lm30 ghax-xoghol li sar minn diversi nies sabiex ixxuttaw l-ilma, nehhew it-tapit u xoghol iehor konness. F'dan ir-rigward l-atturi ma pproducew l-ebda ricevuti u lanqas ma jirrizulta li l-atturi hargu xi flus f'dan ir-rigward. Biex wiehed ikun jista jitlob xi refuzjoni ta xi flus irid jipprova li l-ispejjez li qed jitob huma attwali u li jkunu effettivament saru;
.
L-atturi jghamlu pretensjonijiet anke dwar il-madum. Meta sar l-access mill-perit tekniku l-madum kien tbiddel bl-eccezzjoni tal-madum tal-garaxx tal-atturi. Ma jidhirx li l-atturi ghandhom xi pretensjonijiet ghar-rigward tal-madum tal-garaxx. Skond il-kalkoli tal-perit tekniku l-pressa tal-ilma li kien hemm fuq il-madum l-iehor ma setghetx ippermettiet li l-istess ilma jghaddi fi kwantitajiet sinjifikanti, mill-konkos tal-madum, mill-fili, u mit-tajn tas-siment ta' taht il-madum ghal gewwa t-torba. Skond il-perit tekniku hu stramb li ma sar l-ebda tentattiv sabiex tigi illustrata bi prova xi bicca zghira tal-madum u dan qabel ma tittiehted id-decizjoni jekk il-madum jinbidilx jew jigix illustrat. Fl-opinjoni tal-perit teknku l-ilma ma ghamilx hsara lill-madum tal-atturi;

Fl-opinjoni tal-perit tekniku ma hemmx dubju li l-ilma li dahal ghand l-atturi fis-26 ta' Mejju, 1993, origina mid-dar tal-konvenuti. Ghalhekk il-konvenuti huma unikament risponsabbli ghall-konsegwenzi ta' din l-infiltrazzjoni tal-ilma ghal fond tal-attruri;

In efett il-perit tekniku kkonkluda li ma jirrizultawx hsarat fl-immobbili tal-atturi, mentri jirrizulta li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hsara f'xi mobbli li kien hemm fil-fond tal-atturi konsistenti in partikolari fi twapet. Ikkonkluda

ukoll li l-konvenuti ghandhom ihallsu ghal dawn il-hsarat u danni lill-atturi;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-perit tekniku u tikkonkludi li taqbel mal-konstatazzjonijiet kollha li ghamel u mal-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom l-istess perit tekniku, dana, pero', bl-eccezzjoni ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni li ghamel il-perit tekniku dwar ix-xoghol li sar sabiex tnehha l-ilma mill-fond tal-atturi u dana ghar-ragunijiet li gia gew rilevati. Ghalhekk il-Qorti qed taddotta l-istess kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet u qed tghamillhom taghha bl-eccezzjoni ta' dak li ntqal dwar il-likwidazzjoni ta' kumpens sabiex tnehha l-ilma mill-fond tal-atturi;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-atturi u tiddikjara l-konvenuti unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li garrbu l-atturi fil-mobbli, konsistenti fi twapet, fil-fond "Clavering" Mdina Road, Attard nhar is-26 ta' Mejju 1993 minhabba ilmijiet li ipperkolaw f'dan il-fond mis-sistema difettuza tal-kanen tal-fond adjacenti "Vella House" fl-istess triq proprjeta tal-atturi u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm420.43 jew ahjar fis-somma ta disa mija u disa u sebghin euro u erba u tletin centezmi (€979.34) u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' €979.34 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

L-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet u dan in vista tac-cirkostanzi kollha specjali, pero' bl-eccezzjoni tal-ispejjez konnessi mal perizja li ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------